# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 31 ta' Mejju, 2023.**

**Numru 17**

**Rikors numru 555/15/1 AF**

**Joginder Singh Dhingsa**

**v.**

**Anthony Grech u martu Anna Grech**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell tal-konvenuti Grech minn sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, mogħtija fil-15 ta' Novembru, 2017, u li fiha dik il-Qorti kkundannathom sabiex iħallsu lill-attur, is-somma ta' ħamsa u għoxrin elf lira sterlina (GBP 25,000) jew l-ekwivalenti fil-munita ewro, bl-imgħax mill-5 ta' Awwissu, 2015, kif ukoll bl-ispejjeż tal-proċeduri;

2. Il-fatti ewlenin li wasslu għal dawn il-proċeduri huma dawn li ġejjin;

3. B'rikors maħluf tat-8 ta' Ġunju 2015, l-attur appellat spjega li huwa joqgħod ġewwa Birmingham fl-Ingilterra flimkien ma' martu li tiġi oħt il-konvenuta Anna Grech. Jgħid li fit-23 ta' Novembru tas-sena 1999 huwa silef lill-konvenuti s-somma ta' GBP 20,000 u dan wara li dawn qalulu li kellhom bżonn il-flus għaliex kellhom ħafna dejn. Jispjega li ftit taż-żmien wara, il-konvenuti kellhom bżonn aktar flus, u fit-22 ta' Diċembru tas-sena 2000 silifhom somma oħra li din id-darba kienet fl-ammont ta' GBP 5,000. Skont l-attur, il-partijiet ma ftehmu fuq l-ebda żmien dwar meta kellhom jitħallsu lura dawn il-flejjes, però l-konvenuti kienu wegħduh li kienu ser jagħtuhomlu lura hekk kif jiġi mibjugħ il-bini li kienu qed jiżviluppaw, u dan bl-interessi. Jirrakkonta li minn żmien għal żmien huwa kien jitlob lill-konvenuti sabiex iħallsuh lura, però dawn kienu jwieġbuh li f'dak iż-żmien ma kellhomx flus. Jgħid li f'Mejju tas-sena 2014 huwa kien sar jaf li l-konvenuti kienu ser ibiegħu sehem minn appartament li wirtet il-konvenuta Anna Grech, però meta talabhom il-flus wara li sar il-kuntratt, dawn qalulu li l-flus ġew investiti mill-ġdid fi propjetà oħra. Ikompli jispjega li huwa talab lill-konvenuti jħallsuh bosta drabi oħra u wara li f'Marzu tas-sena 2015 Anna Grech qaltlu li ma riditx tħallsu lura minħabba kwistjoni familjari, huwa mbagħad interpella lill-konvenuti sabiex iħallsuh. Jgħid li minflok m'għamlu dak mitlub, dawn tal-aħħar, għall-ewwel darba qalulu li l-flus kienu ġew mgħoddija lilhom b'titolu ta' donazzjoni u mhux b'self;

4. Fid-dawl ta' dawn il-fatti, l-attur imbagħad għadda biex talab lill-Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenuti solidalment bejniethom sabiex iħallsuh is-somma ta' €34,250 jew kull somma oħra li fid-data tas-sentenza tkun ekwivalenti għal GBP 25,000, u dan flimkien mal-interessi mid-data li fiha huwa għadda l-flejjes lill-konvenuti;

5. Bi tweġiba maħlufa tas-17 ta' Awwissu 2015, il-konvenuti appellanti laqgħu għal din l-azzjoni billi filwaqt li stqarrew li din il-kawża kienet l-ewwel att ġudizzjarju li huma rċevew mingħand l-attur, qajmu l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tal-azzjoni u dan fuq is-saħħa tal-Artikoli 2156 (d) u (e) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-mertu, il-konvenuti ċaħdu li huma qatt irċevew xi flus mingħand l-attur b'titolu ta' self, u fuq is-saħħa ta' hekk argumentaw li la kellhom u lanqas m'għandhom xi obbligu li jroddu lura lill-attur xi flejjes, la bħala kapital, u wisq anqas bħala interessi. Skont l-intimati, it-talba tal-attur kellha għalhekk tiġi miċħuda, u dan bl-ispejjeż kontra l-istess attur;

6. B'sentenza tal-15 ta' Novembru, 2017, l-Ewwel Qorti qatgħet din it-tilwima bil-mod li ġej:

> *"Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tal-konvenuti, tilqa' t-talbiet attriċi u tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-atturi s-somma ta' ħamsa u għoxrin elf lira sterlina (GBP 25,000) jew l-ekwivalenti ta' dan l-ammont fil-munita Ewro fid-data tas-sentenza, bl-imgħax mill-5 ta' Awissu 2015".*

7. Il-konsiderazzjonijiet ewlenin li wasslu lill-Ewwel Qorti għal din il-konklużjoni huma dawn:

> *"Ikkunsidrat illi din il-kawża titratta allegat self brevi manu. L-atturi jikkontendu li huma kienu għaddew lill-konvenuti l-ammont ta' ħamsa u għoxrin elf lira sterlina (GBP 25,000) kwantu għall-GBP 20,000 fit-23 ta' Novembru 1999 u GBP 5000 fit-22 ta' Diċembru 2000 bil-ftehim espress li l-ammont kollu għandu jitħallas lura lill-atturi bl-imgħax meta l-konvenuti jkunu f'qagħda finanzjarja aħjar. L-atturi jkomplu billi jgħidu li minkejja li konvenuti żviluppaw proprjetà u rċevew ammont ta' flus mill-bejgħ ta' proprjetà li wirtet il-konvenuta, huma baqgħu jirrifjutaw li jħallsu lura lill-atturi l-ammont dovut lilhom.*
>
> *Da parti tagħhom, il-konvenuti jeċċepixxu l-preskrizzjoni a tenur tal-artikolu 2156(d) u (e) tal-Kodiċi Ċivili. Fil-mertu, huma jilqgħu għat-talbiet attriċi billi jeċċepixxu li huma m'għandhom jagħtu xejn lill-atturi. Mill-atti tal-kawża jirriżulta li huma qegħdin jibbażaw l-eċċezzjonijiet tagħhom fuq l-allegazzjoni li l-flus li rċevew mingħand l-atturi kienu rigal u mhux b'titolu ta' self, u li allura m'hemmx obbligu li jħallsu lura lill-atturi.*
>
> *Mill-provi prodotti jirriżulta li l-attriċi u l-konvenuta huma aħwa. Mhuwiex kontestat mill-partijiet illi l-konvenuti rċevew l-ammont komplessiv ta' GBP 25,000 mingħand l-atturi. Madanakollu, kif diġà ntqal, filwaqt illi l-atturi qegħdin jippretendu li l-ammont għandu jitħallas lura lilhom bl-imgħax in kwantu li t-transazzjoni bejn il-partijiet kienet waħda ta' self brevi manu, il-konvenuti jikkontendu li l-atturi kienu għaddewlhom il-flus bħala rigal peress illi kienu jinsabu fi żmien diffiċli f'ħajjithom wara l-mewt ta' binthom.*
>
> *Ħlief għall-verżjonijiet kontradittorji tal-partijiet dwar in-natura ta' din it-transazzjoni, l-uniċi provi rilevanti li jirriżultaw mill-atti tal-kawża huma sensiela ta' ritratti ta' messaġġi bil-mobile li ġew skambjati bejn il-partijiet nhar l-14 ta' Mejju 2014 u ċioè dakinhar li sar il-kuntratt ta' bejgħ tal-proprjeta li wirtet il-konvenuta flimkien ma ħutha. Fl-ewwel messaġġ li l-attur bagħat lill-konvenuta huwa staqsiha jekk hijiex ser tħallsu lura issa li ġiet mibjugħa l-proprjetà, għaliex huwa kien qiegħed jaħseb li mhuwiex ser jitħallas. Il-konvenuta wieġbet billi filwaqt illi kkonfermat li l-kuntratt kien sar, kompliet billi infurmat lill-attur li ma kienet irċiviet l-ebda flus għaliex xtrat sehem mill-istess proprjetà. Talbitu ma jgħidx lil martu u lill-oħthom oħra ma min ma kellhiex relazzjoni tajba. Meta l-attur wieġeb lura li ser ikollu jgħid lil martu dwar dan, il-konvenuta wieġbet billi reġgħet talbitu ma jgħidilhiex għaliex issir taf oħthom l-oħra u sabiex minflok jgħidulha li l-flus intużaw sabiex iħallsu lill-bank. L-attur reġgħa talab lill-konvenuta tgħidlu meta ser jitħallas lura għaliex huwa kellu 64 sena u kellu problemi f'saħħtu. Għal dan il-messaġġ, il-*

*konvenuta wieġbet illi ser tħallsu lura, imma li m'għandhiex biex. Speċifikament, hija qaltlu hekk: 'I will give you money back but I dont have them'. Finalment, l-attur bagħat messaġġ lill-konvenut fejn infurmah li kien talab il-flus mingħand il-konvenuta u li huwa kien qiegħed jaħseb li ma kienux ser iħallsuh. Il-konvenut wieġeb sempliċiment billi qallu li l-konvenuta kienet diġà spjegatlu (lill-attur) x'kienet is-sitwazzjoni.*

*Filwaqt illi l-konvenuti jikkonfermaw illi n-numri tal-mobiles minn fejn oriġinaw dawn il-messaġġi kienu tagħhom, huma jinsistu li ma jiftakarux illi rċevew dawn il-messaġġi mingħand l-attur u lanqas it-tweġibiet tagħhom.*

*Il-konvenuti jeċċepixxu l-preskrizzjoni a tenur tal-artikolu 2156(e) u (d) tal-Kodiċi Ċivili. Dan l-artikolu jiddisponi hekk:*

> *"L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' ħames snin:*
>
> *(d) l-azzjonijiet għall-ħlas ta' mgħaxijiet ta' somom meħuda b'self jew taħt titolu ieħor, u, in ġenerali, ta' dak kollu li jitħallas bis-sena jew kull tant żmien ieħor aqsar minn sena;*
>
> *(e) l-azzjonijiet għar-radd ta' flus mogħtija b'self, jekk is-self ma jirriżultax minn att pubbliku".*

*Fit-trattazzjoni orali tiegħu l-abbli difensur tal-atturi argumenta li l-kontenut tal-imsemmija messaġġi, jammontaw għall-rikonoxximent tad-dejn. L-abbli difensur tal-konvenuti wieġeb għal dan billi ssottometta li l-perjodu preskrittiv kien diġà kompjut meta ġew skambjati l-messaġġi in kwistjoni. A tenur tal-artikolu 2133 tal-Kodiċi Ċivili:*

> *"Il-preskrizzjoni tinkiser jekk id-debitur jew il-pussessur jagħraf il-jedd tal-parti li kontra tagħha dik il-preskrizzjoni kienet bdiet miexja".*

*Kif qalet il-Qorti tal-Appell Inferjuri fil-każ fl-ismijiet Austin Psaila vs Lother Slabick tad-9 ta' Frar 2005:*

> *"Issa r-rikonoxximent stabbilit mill-precitat Artikolu 2133 jestrinsika ruhu jew permezz ta' xi dikjarazzjoni esplicita jew bi kwalsiasi fatt iehor li jimplika l-ammissjoni ta' l-ezistenza tad-dritt. Ad exemplum, il-weghda tal-hlas, talba ghad-dilazzjoni tal-pagament, il-hlas akkont (Artikolu 2134), l-annotazzjoni tad-debitu f'denunzja tas-successjoni jew f'forma ta' entrata fl-accounts;*
>
> *Jinsab precizat ukoll, kemm fid-duttrina legali, kif ukoll fil-gurisprudenza, illi dan ir-rikonoxximent tad-dritt ghal fini ta' l-interuzzjoni tal-preskrizzjoni hu konfigurabbli fir-rekwiziti tal-volontarjeta`, tal-konsapevolezza, ta' l-inekwivocita`, dejjem b'mod esterjorizzat. Rekwiziti dawn li hu necessarju li jikkoezistu flimkien fl-istess att;*

> *Jibqa' dejjem imperattiv illi l-prova dwar dawn l-istess rekwiziti trid issir mill-attur billi huwa dan li jkun qed jikkontrasta l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-kontroparti. Zgur li mhux mistenni li din il-prova ssir mill-Qorti jew mit-Tribunal li, anzi, ghandu l-kompitu li jiddeciedi "iuxta allegata et probata". Tajjeb li hawn jigi mfakkar illi, kif drabi ohra deciz, "jekk dwar din l-interruzzjoni hemm konflitt ta' provi, allura l-konsegwenza m' hijiex li ghandha tigi michuda l-preskrizzjoni, imma dik kuntrarja, li ghandha tigi akkolta, peress li l-posizzjoni guridika tkun li mentri jkun fatt li ghadda t-terminu tal-preskrizzjoni, jkun ugwalment fatt illi l-attur ma ssodisfax lill-Qorti li kien hemm interruzzjoni." (Kollez. Vol. XXX P I p 989). Ghaldaqstant dak li hu mportanti hu li r-rikonoxximent allegat mill-attur ikun car u esplicitu (Kollez. Vol. XXXVIII P III p 723)".*

*Rilevanti għall-każ tal-lum huwa dak li qalet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Joseph Abela vs Francis Cassar et noe tal-14 ta' Jannar 2002:*

> *"Mhix korretta s-sottomissjoni illi perjodu preskrittiv li jkun skada ma jistax jigi interrott wara tali skadenza. L-istat tad-dritt hu proprju kontra. Fil-kaz li r-rikonoxximent isir wara li l-preskrizzjoni tkun gja' kompjuta allura dan l-att da parti tad-debitur jgib mieghu rinunzja ghall-istess preskrizzjoni u din bhal fil-kaz ta' interruzzzjoni tkun tista' terga' tibda mixja mill-gdid" (Vol. XLVIIII.iii.1428). Gie wkoll ritenut illi "r-rinunzja ghall-preskrizzjoni hija aljenazzjoni favur il-kreditur tad-dritt akkwistat mid-debitur" (Gargani vs Sant, deciza minn din il-Qorti fl-14 ta' Novembru 1873). Fl-iskorta ta' dan l-insenjament gie deciz illi f'kaz fejn it-terminu preskrittiv ikun gja' iddekorra wiehed ma setax jitkellem strettament minn interruzzjoni ta' perjodu preskrittiv imma ta' rinunzja ghall-perjodu preskrittiv gja' akkwistat. Fil-konfront tad-debitur l-effetti prattici jkunu tista' tghid l-istess (Vol. XXXVIII.i.544)".*

*Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in ezami, il-Qorti tikkunsidra li l-konvenuti rrinunzjaw għall-preskrizzjoni meta rrikonoxxew li huma debituri tal-attur. Il-Qorti tqis illi ma tressqet l-ebda prova li tpoġġi f'dubju l-kontenut ta' dawn il-messaġġi u lanqas ma ssib ebda raġuni għalfejn għandha tiddubita l-awtentiċità tagħhom. Isegwi għalhekk illi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni għandha tiġi miċħuda.*

*In linea ta' prinċipju ġenerali dwar il-mertu, kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawża fl-ismijiet George Bugeja vs Joseph Meilaq, deċiża fit-30 t' Ottubru 2003:*

> *"Fil-kamp ċivili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-ġudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja, verosimili. Dan fuq il-bilanċ tal-probabilitajiet, sostrat bażiku ta' azzjoni ċivili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, ġeneralment bastanti ghall-konvinċiment. Għax kif inhu paċifikament akkolt, iċ- ċertezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan għad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-ħtija trid tirriżulta mingħajr ma tħalli dubju raġjonevoli. Kif kompla jingħad fl-imsemmija kawża "Farrugia vs Farrugia", "mhux kwalunkwe tip ta' konflitt għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-*

> *istat ta' perplessita' li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' "in dubio pro reo"'."*

*Il-konflitt tal-provi huma ħaġa li l-Qrati jridu min dejjem ikunu lesti għaliha. Il-Qorti għandha teżamina jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibiltà u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, għandhiex verżjoni teskludi lill-oħra, anke fuq bilanċ ta' probabiltajiet, u tal-preponderanza tal-provi, għaliex dawn, f'kawżi ċivili huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant (Farrugia vs Farrugia, deċiza mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-24 ta' Novembru 1966).*

*Kif diġà ntqal, din il-Qorti ma ssib l-ebda raġuni li twassalha biex tiskarta l-kontenut tal-messaġġi li ġew skambjati bejn l-attur u l-konvenuti. Il-Qorti mhijiex konvinta xejn bl-iskuża tagħhom li huma ma jiftakrux li huma kienu bagħtu jew irċevew dawn il-messaġġi.*

*Fiċ-ċirkostanzi tal-każ, u abbażi tat-totalità tal-provi u tal-preponderanza tal-probabiltajiet, din il-Qorti tqis illi l-aktar verżjoni verosimili hija dik tal-atturi u ċioè li t-transazzjoni li seħħet bejn il-partijiet kienet waħda ta' self brevi manu.*

*Dwar meta kellhom jitħallsu lura l-flus, din il-Qorti tqis illi l-atturi ma ressqux prova ċara. Lanqas ma ressqu prova sodisfaċjenti dwar jekk kellux jiddikorri imgħax.*

*L-artikolu 1078 tal-Kodiċi Ċivili jiddisponi li:*

> *"Jekk iż-żmien għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni jkun ġie mħolli fir-rieda tad-debitur, jew jekk ikun ġie miftiehem illi d-debitur għandu jesegwixxi l-obbligazzjoni meta jkun jista', jew meta huwa jkollu l-mezzi biex jesegwiha, għandhom jitħarsu r-regoli li ġejjin:*
>
> > *a) jekk l-obbligazzjoni għandha bħala oġġett tagħha l-ħlas ta' somma ta' flus, dik għandha tiġi esegwita fi żmien sentejn, jekk din is-somma għandha tingħata mingħajr imgħax, jew, fi żmien sitt snin jekk is-somma għandha tingħata bl-imgħax".*

*Fi kwalunkwe każ, in kwantu li ċertament għaddew aktar minn sitt snin minn meta l-atturi għaddew il-flus lill-konvenuti u allura dawn tal-aħħar huma llum morużi fil-ħlas, huma għandhom jiġu kkundannati jirrestitwixxu lill-atturi l-ammont misluf lilhom.*

*L-atturi qegħdin jitolbu l-imgħax mid-data meta għaddew il-flus lill-konvenuti. Madanakollu, għal darb'oħra din il-Qorti ma ssibx illi ġie muri li l-obbligazzjoni kienet ta' xorta kummerċjali, u allura a tenur tal-artikolu 1141(2) tal-Kodiċi Ċivili, l-imgħax kellu jibda jiddekorri minn dak inhar li ssir sejħa għall-ħlas b'att ġudizzjarju, f'dan il-każ, min notifika tar-rikors ġuramentat lill-konvenuti".*

8. Il-konvenuti ma qablux ma' din is-sentenza u għar-raġunijiet li ġew imniżżla fir-rikors tal-appell tat-22 ta' Novembru, 2017, talbu lil din il-Qorti sabiex: *"is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' Novembru 2017 fil-kawża fl-ismijiet fuq premessi tiġi mħassra u minflok tirrinvija l-atti lura lil Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ħalli tkun tista' tiddeċiedi fuq it-tieni eċċezzjoni [sic!][1] dwar in-natura tal-għotja sollevata minnhom jew alternattivament tħassar għalkollox l-istess sentenza, billi takkolji l-eċċezzjonijiet kollha jew wħud minnhom imressqa mill-istess konvenuti u kwindi tiċħad it-talba attriċi";*

9. Min-naħa l-oħra, l-attur appellat ma qabel xejn mal-aggravji tal-konvenuti appellanti u bi tweġiba tal-1 ta' Diċembru, 2017 talab lil din il-Qorti sabiex filwaqt li tiċħad l-appell, tikkonferma s-sentenza appellata, u dan bl-ispejjeż kollha kontra l-istess appellanti;

10. Wara li l-Qorti rat l-atti kollha tal-kawża, kif ukoll semgħet dak kollu li ġie sottomess mid-difensuri tal-partijiet waqt it-trattazzjoni bil-fomm li nżammet fis-seduta tal-14 ta' Frar 2023, din il-Qorti tqis li issa hija f'pożizzjoni biex tgħaddi għas-sentenza;

**Konsiderazzjonijiet:**

11. L-ilmenti tal-konvenuti appellanti jistgħu jiġu miġbura f'żewġ aggravji. L-ewwel aggravju huwa msejjes fuq l-argument li l-Ewwel Qorti

[1] L-eċċezzjoni dwar in-natura tal-għotja hija t-tielet eċċezzjoni u mhux it-tieni eċċezzjoni.

naqset milli tqis l-eċċezzjoni dwar in-natura tal-għotja tal-flus; filwaqt li t-tieni aggravju jikkonsisti fl-argument li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi meta għaddiet biex ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tagħhom li fiha argumentaw li l-azzjoni tal-attur hija preskritta biż-żmien imniżżel fl-Artikoli 2156 (d) u (e) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

12. Peress li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tal-azzjoni hija ta' sura perentorja, ikun xieraq li qabel xejn il-Qorti tibda billi tistħarreġ l-aggravju marbut ma' din l-eċċezzjoni u dan għaliex jekk jirriżulta li l-azzjoni tal-attur hija tassew preskritta, allura din il-Qorti tista' tieqaf hemmhekk;

<u>Dwar iċ-ċaħda tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni</u>

13. Dwar il-kwistjoni tal-preskrizzjoni, l-appellanti jargumentaw l-Ewwel Qorti ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konklużjoni li huma kienu rrinunzjaw għall-preskrizzjoni. L-appellanti, filwaqt li jgħidu li l-Ewwel Qorti waslet għal din id-deċiżjoni fuq is-saħħa tal-kontenut tal-messaġġi li allegatament ġew mibgħuta bejn il-partijiet fuq it-telefon ċellulari tagħhom, jargumentaw li l-Ewwel Qorti ma setgħet qatt tistrieħ fuq dik il-prova u dan għaliex:

(i) L-Ewwel Qorti ma kellhiex quddiemha l-oriġinal tat-tali messaġġi;

(ii) Il-persuna li żviluppa t-tali messaġġi ma kkonfermax l-istess bil-ġurament tiegħu;

(iii) Il-konvenuti ċaħdu fuq ġurament li huma kienu tassew bagħtu dawk il-messaġġi; u

(iv) F'kull każ, il-kontenut tat-tali messaġġi bl-ebda mod ma seta' jiġi meqjus bħala ammissjoni tas-self b'obbligu ta' ħlas lura, u b'hekk bħala rinunzja għall-perjodu preskrittiv li kien diġà skorra b'bosta snin;

14. L-attur appellat jirribatti li l-Ewwel Qorti qieset sewwa l-provi li tressqu quddiemha, u ġaladarba dik il-Qorti waslet għall-konklużjoni li l-messaġġi kienu tassew intbagħtu mill-konvenuti, allura kull żmien preskrittiv li kien seta' għadda ġie abbandunat bir-rikonoxximent tad-dejn. Filwaqt li jagħmel referenza lejn bosta sentenzi li fihom intqal li din il-Qorti ma tiddisturbax b'mod laxk l-apprezzament tal-fatti hekk kif magħmul mill-Ewwel Qorti, u dan speċjalment sa fejn għandu x'jaqsam mal-kredibiltà tax-xhieda, l-attur appellat fakkar li dik il-Qorti kellha ċ-ċans li tinnota l-imġieba tal-partijiet hekk kif kienu qed jixhdu quddiemha. Jgħid ukoll li l-konklużjoni tal-Ewwel Qorti li temmen il-verżjoni tiegħu hija ġusta u msejsa fuq il-provi li tressqu fl-atti;

15. Fir-rigward tal-ilmenti li tressqu dwar il-prova tal-kontenut tal-messaġġi, l-appellat imbagħad jissottometti li huwa ressaq ritratti tal-messaġġi li huwa stess ħa minn fuq l-iskrin tat-telefon ċellulari tiegħu, u li kkonfermahom bil-ġurament. Fost argumenti oħra, jgħid ukoll li l-konvenuti ma ċaħdux l-eżistenza ta' dawk il-messaġġi iżda qalu biss li ma kinux jiftakruhom;

16. Wara li qieset l-ilmenti tal-appellanti fid-dawl tal-provi li hemm fl-atti kif ukoll fil-kuntest tal-konsiderazzjonijiet li ġew mogħtija fis-sentenza appellata, din il-Qorti tinnota li għalkemm l-appellanti għandhom tassew raġun meta jgħidu li l-Ewwel Qorti sejset il-konklużjonijiet tagħha fuq is-saħħa tal-kontenut tal-messaġġi li ġew imressqa fl-atti, min-naħa l-oħra din il-Qorti ma taqbilx mal-istess appellanti meta jargumentaw li l-Ewwel Qorti *"ma setgħet qatt legalment tistrieħ fuq il-kontenut ta' dawk il-messaġġi"*;

17. Waħda mir-raġunijiet li qed iġibu l-appellanti għalfejn fil-fehma tagħhom l-Ewwel Qorti ma setgħetx tistrieħ fuq il-kontenut tal-messaġġi hija dik li l-Ewwel Qorti ma kellhiex quddiemha l-oriġinal tat-tali messaġġi. B'dan l-argument, il-Qorti qed tifhem li l-appellanti qed jilmentaw li l-prova tal-kontenut tal-messaġġi li ġiet imressqa mill-attur appellat ma kinitx l-aħjar prova li setgħet titressaq, u b'hekk l-Ewwel Qorti ma kellhiex taċċettaha;

18. Filwaqt li huwa minnu li l-Artikolu 559 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jimponi fuq il-Qorti d-dmir li titlob "*li ssirilha l-aħjar prova li parti tista' ġġib*", jibqa' xorta waħda l-fatt, li l-liġi tħalliha fid-diskrezzjoni tal-Qorti li tqis f'kull kawża partikolari, x'inhi dik il-prova li tilħaq il-grad li tista' tissejjaħ bħala "*l-aħjar*". Barra minn hekk, u kif intqal minn din il-Qorti fis-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Myriam Fenech Adami v. Anna Gatt et.***, "*hemm qbil fil-ġurisprudenza tagħna li jista' jkun hemm ċirkostanzi speċjali li jistgħu jiġġustifikaw lill-Imħallef biex ma joqgħodx fuq l-aħjar prova iżda joqgħod fuq provi oħra li jissodisfawh"*; [2]

19. Minn ħarsa lejn l-atti jirriżulta li f'dan il-każ, il-prova tal-kontenut tal-messaġġi li saret referenza għalihom fis-sentenza appellata, ma tressqitx biss permezz ta' estratti bil-miktub li ġew imniżżla fl-affidavit tal-attur appellat,[3] iżda wkoll permezz ta' sensiela ta' ritratti li fihom jidher il-kontenut ta' kull messaġġ fuq l-iskrin tat-telefon ċellulari tal-attur, kif ukoll id-dettalji bil-ħin, id-data u n-numru li minnhom ġie mibgħut il-messaġġ;[4]

20. Fil-fehma tal-Qorti, il-provi li ġew imsemmija fil-paragrafu ta' qabel dan, u partikularment ir-ritratti tal-messaġġi li ġew meħuda minn fuq l-iskrin tat-telefon ċellulari tal-appellat, setgħu fiċ-ċirkustanzi

[2] App. Ċiv. Nru. 1103/07/1, deċiż fis-26 ta' Ottubru, 2022.
[3] Ara affidavit tal-attur, 'DOK JSD', fol. 29-30.
[4] Ara Dok JSDX1, fol. 56.

raġonevolment jitqiesu mill-Ewwel Qorti bħala prova tajba. Dan aktar u aktar meta, mix-xhieda tar-rappreżentant tal-kumpanija li magħha huma rreġistrati n-numri tat-telefon ċellulari tal-appellanti, irriżulta li dik il-kumpanija ma żżommx registrazzjonijiet tal-messaġġi għal aktar minn sena, u minħabba f'hekk f'dan il-każ kwalunkwe registrazzjonijiet li kien hemm kienu biss sa minn Frar tas-sena 2015 'il quddiem.[5] Barra minn hekk, l-istess rappreżentant spjegat ukoll li dik il-kumpanija ma kellhiex registrazzjonijiet tal-kontenut tal-messaġġi u dan għaliex is-sistema tħassarhom mill-ewwel;[6]

21. F'ċirkustanzi bħal dawn, l-argument tal-appellanti li attur naqas milli jippreżenta l-'oriġinal' tal-messaġġi mhuwiex għalhekk siewi u qed jiġi miċħud;

22. Lanqas mhuwa siewi l-argument tal-appellanti li l-Ewwel Qorti ma setgħetx tqis ir-ritratti tal-messaġġi li ġew preżentati mill-appellat fuq ir-raġunament li l-persuna li żviluppat dawk ir-ritratti ma tressqitx biex tikkonfermahom bil-ġurament. Fis-seduta li fiha ġew preżentati dawk ir-ritratti, l-attur appellat stqarr fuq ġurament li dawk ir-ritratti li fihom jidhru l-messaġġi kien ħadhom huwa stess, u b'dan il-fatt l-attur kien bla dubju qiegħed jikkonferma l-kontenut tagħhom bil-ġurament tiegħu.[7] Ma kien

[5] Ara xhieda ta' Marisa Gauci, mogħtija waqt is-seduta tat-23 ta' Frar, 2016. (Fol. 51).
[6] Id. Fol 50.
[7] Ara xhieda tal-attur mogħtija waqt is-seduta tal-10 ta' Mejju, 2016, fol 57.

hemm għalhekk l-ebda ħtieġa jew utilità li l-persuna li żviluppat ir-ritratti tikkonferma dawk ir-ritratti bil-ġurament tagħha, u dan appuntu għaliex dawk ir-ritratti ħadhom l-attur stess;

23. Fil-fehma tal-Qorti, l-appellanti lanqas ma qed jgħidu sewwa meta qed jargumentaw li l-Ewwel Qorti ma kellhiex tistrieħ fuq il-kontenut tal-messaġġi inkwistjoni għaliex huma kienu ċaħdu fuq ġurament li ma kinux bagħtu dawk il-messaġġi. Kif jgħid sewwa l-attur appellat, il-konvenuti ma ċaħdux b'mod kategoriku li bagħtu l-messaġġi tat-30 ta' Mejju 2014, iżda sempliċiment qalu li 'ma jiftakruhomx'. Kemm hu hekk, meta waqt is-seduta tal-10 ta' Mejju 2016, il-konvenut Anthony Grech ġie kkonfrontat b'dawn il-messaġġi, dan wieġeb li ma kienx jiftakar li bagħat jew irċieva dawk il-messaġġi.[8] Bl-istess mod, fis-seduta tal-5 ta' Ottubru 2016, il-konvenuta Anna Grech qalet li: *"B'referenza għall-sms ngħid li jiena ma niftakarx li ktibt dak l-sms"*;[9]

24. Magħdud dan, anke però li kieku stess l-appellanti ċaħdu fuq ġurament li bagħtu dawk il-messaġġi, dan ma kienx ifisser li l-Ewwel Qorti ma setgħetx tistrieħ fuq dawk il-messaġġi sempliċiment għaliex kien hemm konflitt fil-provi. Huwa magħruf sewwa fil-ġurisprudenza li fejn il-verżjonijiet tal-partijiet f'kawża ma jkunux jaqblu, xogħol il-Qorti jkun li tiddetermina liema waħda minn dawk il-verżjonijiet hija l-aktar kredibbli, u

[8] Ara xhieda ta' Anthony Grech, mogħtija waqt is-seduta tal-10 ta' Mejju, 2016. Fol. 60-61.
[9] Fol. 67.

huwa biss fejn il-Qorti ma tkunx konvinta favur xi waħda minn dawk il-verżjonijiet li għandha tapplika l-prinċipju ta' *'actore non probante reus absolvitur'.* (Ara f'dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet ta' ***Emanuel Ciantar v David Curmi noe.*** konfermata minn din il-Qorti fid-19 ta' Ġunju 2006.)[10] Barra minn hekk u kif intqal sewwa fis-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Paul Fenech v Carmel Cortis***: *"Huwa magħruf ukoll li l-ġudikant għandu juża d-diskrezzjoni tiegħu sabiex mill-provi miġjuba matul is-smigħ tal-kawża, huwa jqis dawk li l-provi li huma l-aktar kredibbli u xierqa sabiex jasal għall-konviċiment tiegħu. Fl-eżerċizzju ta' din is-setgħa l-ġudikant jista' jaċċetta x-xiehda ta' xi wħud u jwarrab jew jiskarta oħrajn u jsejjes il-ġudizzju tiegħu fuq ċertu provi, aktar milli oħra"*;[11]

25. Stabbilit dan, il-Qorti ma tarax li tista' tlum lill-Ewwel Qorti meta qieset li m'għandhiex għalfejn tiddubita l-awtentiċità tal-kontenut tal-messaġġi. Apparti li l-konvenuti appellanti ma ressqux provi konkreti sabiex jikkontradixxu l-kontenut tal-messaġġi li ġew riferuti fis-sentenza appellata, mill-assjem tal-provi jirriżulta li dawn il-messaġġi huma in sintonija ma' bosta provi oħra li hemm fl-atti. Pereżempju, minn 'DOK MG1'[12] u 'DOK MG2'[13] li ġew preżentati minn Marisa Gauci jirriżulta li n-numri tat-telefon ċellulari li jidhru fuq il-parti tar-ritratti fejn hemm imniżżel "*Message details"* huma tassew tal-konvenuti. Barra minn hekk, filwaqt li

[10] App. Ċiv. Nru. 153/1994/1.
[11] Rik. Ġur. 1249/2011CFS, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16.09.22. (Mhux appellata).
[12] Fol. 44.
[13] Fol. 47.

f'wieħed mill-messaġġi hemm imniżżel: *"Hi Jill yes today we had the contract...",*[14] u skont il-*"Message details"* dak il-messaġġ intbagħat fit-30 ta' Mejju 2014 fin-*19:58hrs*, mill-provi jirriżulta li dak il-kuntratt li jissemma f'dak il-messaġġ kien tassew sar f'dik l-istess ġurnata u ċjoè fit-30 ta' Mejju, 2014.[15] Kif qalet tajjeb l-Ewwel Qorti, ma kien hemm għalhekk l-ebda raġuni għalfejn kellha tiskarta l-kontenut tal-messaġġi;

26. Il-Qorti lanqas ma taqbel mal-appellanti li l-Ewwel Qorti interpretat il-kontenut tal-messaġġi b'mod ħażin, u li minn dawk il-messaġġi ma jirriżultax li l-appellanti kienu rrinunzjaw għall-perjodu preskrittiv. Kif ġie osservat tajjeb mill-Ewwel Qorti, f'messaġġ minnhom, il-konvenuta kitbet lill-attur appellat: ***"I will give you money back but I dont have them"***.[16] Fil-fehma tal-Qorti, kliem bħal dan ma juri xejn għajr li l-konvenuta kienet bl-aktar mod inekwivoku qed tagħraf li kellha tagħti lill-attur. Peress li skont l-appellanti stess, sa dak iż-żmien, il-perjodu preskrittiv kien laħaq għadda, allura bit-tali għarfien tad-dejn, l-attriċi rrinunzjat għall-preskrizzjoni. (Ara f'dan is-sens is-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ta' ***George Falzon v. Assoċjazzjoni tat-Trasport Pubbliku,*** deċiża minn din il-Qorti fit-30 ta' Marzu, 2022).[17] Żgur li għalhekk ma jistax jingħad li l-Ewwel Qorti interpretat il-messaġġi b'mod ħażin u li minn dawk il-messaġġi ma hemmx prova tar-rinunzja għall-preskrizzjoni;

[14] Ara l-messaġġ mibgħut fit-30 ta' Mejju, 2014 fin-*19:56hrs* (Dok JSDX1).
[15] Ara l-kopja tal-kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Dottor Mary *sive* Mariella Mizzi. (Fol 82-99).
[16] Ara l-messaġġ mibgħut mill-konvenuta appellanti fit-30 ta' Mejju, 2014 fit-*20:42hrs*. (Dok JSDX1);
[17] App. Ċiv. Nru. 387/2010/1.

27. L-ilmenti kollha tal-appellanti sa fejn għandhom x'jaqsmu ma' dik il-parti tad-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti li permezz tagħha ċaħdet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni qegħdin għalhekk jiġu miċħuda;

Dwar l-ilment li l-Ewwel Qorti naqset milli tqis l-eċċezzjoni li l-flus ingħataw lill-appellanti b'titolu ta' donazzjoni

28. Jifdal biss li jiġi meqjus l-aggravju l-ieħor li fih l-appellanti qed jilmentaw li l-Ewwel Qorti naqset milli tieħu qies tat-tieni linja difensjonali tagħhom, u ċjoè dik dwar it-titolu li bih l-attur appellat għaddielhom il-flejjes. F'dan ir-rigward, il-konvenuti appellanti jargumentaw li minn sempliċi qari tal-parti dispożittiva tas-sentenza appellata jirriżulta li l-Ewwel Qorti kkonkludiet fuq il-kwistjoni tal-preskrizzjoni biss u fil-bqija 'injorat għalkollox' l-eċċezzjoni tagħhom dwar in-natura tal-għotja. B'żieda ma' dan, l-appellanti jissottomettu li fis-sentenza appellata lanqas m'hemm xi konsiderazzjoni li fiha l-Ewwel Qorti qieset din il-kwistjoni, u dan minkejja li ż-żewġ partijiet kienu ressqu provi dwar din il-kwistjoni, u saru wkoll sottomissjonijiet bil-fomm. L-appellanti għalhekk jargumentaw li din il-Qorti għandha tibgħat l-atti tal-kawża lura lejn il-Prim'Awla sabiex tkun tista' tiddeċiedi din il-kwistjoni, u b'hekk ma jiġix mittiefes il-jedd proċedurali tagħhom tal-eżami doppju;

29. L-attur appellat jirribatti li l-appellanti ma ressqu l-ebda eċċezzjoni li fiha qalu li l-flus ġew mgħoddija lilhom b'titolu ta' donazzjoni. Skont l-attur appellat, kien biss wara li ressaq il-provi dokumentarji li bihom wera kif tassew kien għadda l-flus lill-appellanti, li mbagħad dawn tal-aħħar bdew jgħidu li l-flus ġew mgħoddija lilhom bħala rigal u dan minħabba r-rabta familjari li hemm bejniethom. Wara li jgħid hekk, l-attur appellat imbagħad jissottometti li fis-sentenza appellata, l-Ewwel Qorti waslet għal konklużjoni li l-verżjoni mogħtija mill-attur kienet aktar kredibbli, u li n-natura tal-għotja kienet ta' self. Skont l-attur, dan kien ifisser li l-linja difensjonali tal-konvenuti kienet qed tiġi miċħuda. L-attur josserva wkoll li dan l-aggravju huwa kontradittorju għall-aggravju l-ieħor għaliex ġaladarba l-appellanti qajmu u għadhom jinsistu fuq l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni taħt l-Artikolu 2156(d) u (e) tal-Kap 16, allura b'dak l-argument qed iġibu fix-xejn l-argument li n-natura tal-għotja ma kinitx ta' self iżda ta' donazzjoni;

30. Meqjusa l-argumenti tal-partijiet, din il-Qorti ma taqbel xejn mal-attur appellat meta qed jgħid li fir-risposta maħlufa tagħhom, il-konvenuti appellanti ma ressqu l-ebda eċċezzjoni li fiha qajmu d-difiża li l-flus ingħataw lilhom b'titolu ta' donazzjoni u mhux ta' self. Fit-tielet eċċezzjoni tar-risposta maħlufa, il-konvenuti niżżlu: *"3. Illi fit-tieni lok u mingħajr preġudizzju għall-premess jingħad li ma hux minnu li l-intimati qatt rċevew xi flus mingħand ir-rikorrenti b'titolu ta' self".* Fir-raba' u l-ħames

eċċezzjonijiet il-konvenuti mbagħad komplew jgħidu li: *"4. Illi anqas ma hu minnu li l-intimati kellhom jew għandhom xi obbligu li jroddu lura lir-rikorrenti xi ammont ta' flus la bħala kapital u wisq anqas bħala interessi"*, u *"5. Illi l-fatti ndikati mir-rikorrenti dwar l-allegat self ta' flus huma għalkollox inveritjieri u kwindi qed jiġu hawn kontestati u dana kif ser jirriżulta b'mod aktar ċar u ampju waqt l-ismigħ tal-odjerni proċeduri".* Fil-fehma tal-Qorti, dawn it-tlett eċċezzjonijiet huma ċari biżżejjed, u ġaladarba l-konvenuti kienu qed jargumentaw li l-flus m'għaddewx lilhom b'titolu ta' self u li ma kellhomx obbligu li jroddu lura l-flus, allura l-konvenuti ma kienu xejn għajr qed iqajmu d-difiża li l-flus ġew mgħoddija lilhom b'titolu gratuwitu, u ċjoè b'donazzjoni;

31. Min-naħa l-oħra, il-Qorti lanqas ma tista' taqbel mal-aggravju tal-konvenuti. Mhuwa xejn minnu li l-Ewwel Qorti ma qisitx il-linja difensjonali tagħhom dwar in-natura gratuwita tal-għotja. Minn ħarsa lejn is-sentenza appellata jirriżulta li fil-konsiderazzjonijiet tagħha, l-Ewwel Qorti osservat li:

> *"Da parti tagħhom, il-konvenuti jeċċepixxu l-preskrizzjoni a tenur tal-artikolu 2156(d) u (e) tal-Kodiċi Ċivili. Fil-mertu, huma jilqgħu għat-talbiet attriċi billi jeċċepixxu li huma m'għandhom jagħtu xejn lill-atturi.* ***Mill-atti tal-kawża jirriżulta li huma qegħdin jibbażaw l-eċċezzjonijiet tagħhom fuq l-allegazzjoni li l-flus li rċevew mingħand l-atturi kienu rigal u mhux b'titolu ta' self, u li allura m'hemmx obbligu li jħallsu lura lill-atturi****.*
>
> *Mill-provi prodotti jirriżulta li l-attriċi u l-konvenuta huma aħwa. Mhuwiex kontestat mill-partijiet illi l-konvenuti rċevew l-ammont komplessiv ta' GBP 25,000 mingħand l-atturi.* ***Madanakollu, kif diġà ntqal, filwaqt illi l-atturi qegħdin jippretendu li l-ammont għandu jitħallas lura***

> ***<u>lilhom bl-imgħax in kwantu li t-transazzjoni bejn il-partijiet kienet waħda ta' self brevi manu, il-konvenuti jikkontendu li l-atturi kienu għaddewlhom il-flus bħala rigal peress illi kienu jinsabu fi żmien diffiċli f'ħajjithom wara l-mewt ta' binthom</u>".*[18]

Għall-aħħar parti tas-sentenza, l-Ewwel Qorti mbagħad ikkonkludiet li:

> *"Fiċ-ċirkostanzi tal-każ, u abbażi tat-totalità tal-provi u tal-preponderanza tal-probabiltajiet, din il-Qorti tqis illi l-aktar verżjoni verosimili hija dik tal-atturi **<u>u ċioè li t-transazzjoni li seħħet bejn il-partijiet kienet waħda ta' self brevi manu</u>**".*[19]
> (f'kull kaz enfasi mizjuda minn din il-Qorti).

32. Fil-fehma tal-Qorti dawn l-estratti jitkellmu waħedhom, u li kieku l-appellanti għamlu ftit tal-isforz u qraw sewwa s-sentenza appellata setgħu faċilment jindunaw li l-Ewwel Qorti qieset ukoll il-kwistjoni dwar in-natura tal-għotja, tant li kkonkludiet li l-flejjes ġew mgħoddija b'titolu ta' self u mhux b'donazzjoni;

33. Huwa daqstant ħażin l-argument tal-appellanti li fil-parti dispożittiva tas-sentenza appellata, l-Ewwel Qorti 'injorat għalkollox' l-eċċezzjoni tagħhom dwar in-natura tal-għotja u ddeċidiet biss dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni. Ġaladarba li l-Ewwel Qorti laqgħet it-talba tal-attur u kkundannat lill-konvenuti sabiex iħallsuh is-somma mitluba, allura fiha nfisha dik id-deċiżjoni timplika li l-Ewwel Qorti kienet qed tiċħad ukoll l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuti li fihom tqajment id-difiża li l-għotja tal-flus ma kinitx ta' self iżda donazzjoni. Dan aktar u aktar meta kif diġà

[18] Estratti meħuda minn paġna 4 tas-sentenza appellata. L-enfasi ġiet miżjuda minn din il-Qorti.
[19] Estratt meħud minn paġna 8 tas-sentenza appellata. L-enfasi ġiet miżjuda minn din il-Qorti.

ntqal, fil-konsiderazzjonijiet tagħha, l-Ewwel Qorti għamlitha ċara li kienet qed tikkonkludi li n-natura tal-għotja ma kinitx ta' donazzjoni iżda ta' self *brevi manu*. Kif jgħid sewwa l-attur appellat, il-Qorti waslet għal din il-konklużjoni għaliex dehrilha li l-verżjoni tiegħu meta meħuda fil-kuntest tal-bqija tal-provi kienet aktar kredibbli minn dik tal-konvenuti. Din il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura f'din il-konklużjoni u għaldaqstant l-appell tal-konvenuti ser ikun qed jiġi miċħud għalkollox;

**Decide**

Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi **tiċħad** l-appell u tikkonferma għalkollox is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, tal-15 ta' Novembru, 2017, fil-kawża fl-ismijiet premessi;

L-ispejjeż kollha marbuta ma' dan l-appell għandhom jagħmlu tajjeb għalihom il-konvenuti appellanti.

Mark Chetcuti
Prim Imħallef

Joseph R. Micallef
Imħallef

Tonio Mallia
Imħallef

Deputat Reġistratur
rm